## Il-Ħadd, 10 ta' Novembru 2019

Ġesù qal lis-Sadduċej: "Il-bnedmin f'din id-dinja jiżżewġu u jżewġu; imma dawk li jkun jistħoqqilhom jgħaddu għad-dinja l-oħra u jqumu mill-imwiet, dawn la jżewġu u lanqas jiżżewġu. Għax anqas jistgħu jmutu iżjed, għaliex ikunu bħall-anġli, u huma wlied Alla ladarba qamu mill-imwiet. U li l-mejtin iqumu, Mosè wkoll urieh, fir-rakkont tax-xitla tal-għollieq, għax lill-Mulej isejjaħlu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb. Issa hu mhuwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 20, versi 34-38***

# 344

"Ġesù jispjega li f'din id-dinja aħna ngħixu b'realtajiet proviżorji, li jintemmu; filwaqt li 'n-naħa l-oħra', wara l-qawmien, il-mewt ma tkunx tidher aktar fuq ix-xefaq tagħna, u ngħixu kollox - anki r-relazzjonijiet umani - fid-dimensjoni ta' Alla, b'mod trasfigurat. Iż-żwieġ ukoll, sinjal u strument tal-imħabba ta' Alla f'did-dinja, jilma mibdul f'dawl jgħammex fil-komunjoni glorjuża tal-qaddisin fis-sema."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 6 Novembru 2016

# Bħall-anġli

*Għalija*
*jgħodd biss*
*dak li nista’*
*nara b’għajnejja*
*u*
*mmiss b’idejja?*

*Il-ħajja*
*ta’ dejjem*
*inżommha*
*quddiemi?*

Mulej, kemm inkunu qed nitilfu ħwejjeġ
jekk naraw biss sal-ponta ta’ mneħirna,
jekk inkunu nies
li jemmnu biss f’dak li jaraw għajnejhom!
Ħallina nindunaw
li dak li jaraw għajnejna
hu biss sinjal ċkejken
tas-sbuħija li nħlaqna għaliha.
Ħallina niskopru minn din id-dinja stess
x’hemm lest għalina,
“x’ħejja Alla għal dawk li jħobbuh”:
li nkunu bħall-anġli,
ħielsa biex inħobbu
bla ma nagħmlu pussess fuq ħadd,
ħielsa biex naqdu lil xulxin
bla ma ninqdew b’xulxin.

## It-Tnejn, 11 ta' Novembru 2019

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Ma jistax ikun
li ma jingħatawx skandli;
imma
ħażin għalih
min ikun
ħtija tagħhom!
Ikun aktar jaqbillu
jekk jorbtulu
ma' għonqu
ġebla tat-tħin
u jitfgħuh
il-baħar
milli jagħti skandlu
lil wieħed
minn dawn iċ-ċkejknin."

*Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 17, versi 1-2*

345

"Ġesù spiss jitkellem dwar l-iskandlu: jgħid li jekk idek hi kawża ta' skandlu, aqtagħha barra; u meta, quddiem it-tħabbira tas-salib, Pietru jmerih, Ġesù jċanfru u jgħidlu li hu ta' skandlu għalih. Min jistqarr li hu nisrani u jgħix ħajja pagana jagħti skandlu. Kemm nisimgħu lil min jgħid li ma jmurx il-knisja għax hemm ġew jiltaqa' ma' min il-ħin kollu jixgħel ix-xemgħat u malli joħroġ barra ħlief iqassas u jiżra' s-sikrana ma jagħmilx! Kemm Insara jimbuttaw lin-nies bl-eżempju ħażin li jagħtu."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 13 Novembru 2017

# Skandli

*Qed nagħti*
*xhieda sabiħa*
*ta' Kristu?*

*Hemm*
*xi ħaġa f'ħajti*
*li qiegħda tfixkel*
*lil xi ħadd*
*milli jilqa'*
*lil Alla?*

Lilna li tgħammidna, Mulej, issejħilna
biex inkunu l-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja.
Imma ta' bnedmin li aħna
mhux darba jew tnejn nixxellfu f'din is-sejħa:
meta nitnikkru fl-għixien tal-Kelma tiegħek,
meta ma nagħtux xhieda sabiħa tiegħek,
meta l-mentalità tagħna
ma tirriflettix il-mentalità tiegħek,
meta nwasslu xbieha falza tiegħek,
meta ma ngħinux biex tinfirex imħabbtek,
meta ma nagħmlux sforzi biżżejjed
biex inwettqu fil-prattika dak li nemmnu.
Aħfrilna, Mulej,
meta b'atteġġjamenti bħal dawn
nkunu ta' tfixkil għal xi ħadd - għalina wkoll.
Għinna nibdew dejjem mill-ġdid.

## It-Tlieta, 12 ta' Novembru 2019

Ġesù qal:
"Wieħed minnkom ikollu qaddej
qiegħed jaħrat jew jirgħa;
meta jidħol mill-għalqa
x'se jgħidlu:
'Ejja, isa, u oqgħod għall-ikel?', jew:
'Lestili x'niekol, ilbes il-fardal u
newwilli sa ma niekol u nixrob jien,
u mbagħad tiekol u tixrob int?'
Jaqaw se jroddlu ħajr lill-qaddej
talli jkun għamel li ordnalu?
Hekk ukoll intom, meta tagħmlu
kulma tkunu ordnati, għidu:
'Aħna qaddejja
li ma niswew għal xejn;
għamilna biss
dak li kellna nagħmlu.'"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,
kapitlu 17, versi 7-10***

# 346

"Impenn
imqanqal mill-ansjetà,
mill-kburija,
mill-bżonn
li wieħed jidher u jaħkem,
żgur li mhu se jqaddes lil ħadd.
L-isfida hi
li ngħixu l-għotja tagħna
b'mod
li l-isforzi tagħna
jkollhom sens evanġeliku
u nitwaħħdu
dejjem iżjed ma' Ġesù Kristu."

PAPA FRANĠISKU,
Eżortazzjoni Appostolika,
*Gaudete et Exsultate,*
nru 28, 19 Marzu 2018

# Li tibqa' qaddej

*Nista' ngħid*
*li jien bniedem*
*li naqdi?*

*Naqdi*
*kif iridni naqdi*
*Alla?*

Jekk hemm xi ħaġa
li hi tassew għal qalbek, Mulej,
hija li Int il-Qaddej ta' Alla:
li tagħmel dak li Hu jibagħtek tagħmel fid-dinja;
li tkun il-Qaddej tal-bnedmin kollha.
U għalhekk,
jien niswa quddiemek
daqskemm nagħmilha ta' qaddej ta' Alla
bħalek;
daqskemm naqdi lill-oħrajn għalihom infushom;
daqskemm nagħtihom servizz
bla ma nħares lejn wiċċ ħadd
ħlief lejn wiċċek fihom.
Saffini, nitolbok,
milli ndeffes lili nnifsi u l-interessi tiegħi
fl-għotja tiegħi lill-oħrajn.

## L-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2019

Ġara li,
huwa u sejjer lejn Ġerusalemm,
Ġesù għadda
minn bejn is-Samarija u l-Galilija.
Kif kien dieħel f'raħal,
iltaqgħu miegħu
għaxart irġiel morda bil-lebbra.
Waqfu 'l bogħod minnu,
għollew leħinhom
u qalulu:
"Ġesù, Mgħallem,
ikollok ħniena minna!"
Kif rahom, qalilhom:
"Morru uru rwieħkom
lill-qassisin."
U ġara li, huma u sejrin,
fiequ mill-marda tagħhom.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 17, versi 11-14***

# 347

"Il-ħniena ta' Alla,
lill-bniedem
tagħtih il-ħajja,
tqajmu mill-mewt!
Il-Mulej
dejjem iħares lejna bil-ħniena,
jistenniena bil-ħniena.
Ejjew ma nibżgħux nersqu lejh!
Għandu qalb mimlija ħniena!
Jekk nuruh il-feriti
li aħna għandna minn ġewwa
- dnubietna -
Hu dejjem jaħfrilna.
Għax Hu mhuwiex ħlief ħniena!
Ejjew immorru għand Ġesù!"

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 9 Ġunju 2013

*Nitlob*
*li Alla*
*jkollu ħniena*
*minni?*

*X'nistenna*
*li tagħmel fija*
*din il-ħniena*
*Tiegħu?*

# Li tersaq qrib

Dnubieti, Mulej,
mhux dejjem iħalluni nagħmilha miegħek
jekk mhux mill-bogħod.
Minħabba fihom
mhux dejjem insib il-ħila
biex nersaq qrib tiegħek kemm jista' jkun.
Imma Inti
mhux talli ma tridnix inżomm ruħi
'il bogħod minnek
talli tistenna b'ħerqa li ma titfissirx bil-kliem
li jiena nħallik tmiss
dawn l-istess feriti tiegħi
biex Inti tkun tista' tkebbibhom
fil-ħniena tiegħek,
u jiena nfiq minnhom
u nieħu l-ħajja mill-ġdid!

## Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

Il-Fariżej staqsew lil Ġesù
meta kienet se tiġi s-Saltna ta' Alla,
u hu weġibhom: "Is-Saltna ta' Alla
ma tiġix b'sinjali li jidhru; lanqas
ħadd ma hu se jgħid: 'Arawha,
hawn', jew: 'Hemm', għax araw,
is-Saltna ta' Alla fostkom qiegħda!"
Lid-dixxipli tiegħu qalilhom:
"Għad jiġi żmien meta tkunu
tixtiequ taraw jum wieħed minn
żmien Bin il-bniedem u ma tarawhx.
U jgħidulkom: 'Arawh, hawn hu',
jew: 'Arawh, hemm hu!' Tmorrux,
tiġrux warajhom. Għax bħalma
berqa tleħħ u tiddi minn tarf
għal ieħor tas-sema, hekk jidher
Bin il-bniedem nhar il-Jum tiegħu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 17, versi 20-24***

# 348

"Is-Saltna ta' Alla
mhijiex spettaklu.
Anzi, ħafna drabi l-ispettaklu
huwa karikatura tas-Saltna t'Alla.
Il-Mulej innifsu qatt ma jgħid
li s-Saltna ta' Alla hija spettaklu.
Hija festa, festa sabiħa u kbira,
imma m'għandha x'taqsam xejn
mal-ispettaklu
li ħafna drabi nippreferu li tkun
ta' bnedmin dgħajfa li aħna! ...
Is-Saltna t'Alla hija silenzjuża;
imma għaliha wkoll jasal il-waqt
tal-manifestazzjoni tagħha:
biss meta jintemmu ż-żminijiet."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 13 Novembru 2014

*Naċċetta*
*li s-Saltna t'Alla*
*hija*
*Saltna ħajja?*

*Naċċetta*
*li hija Saltna*
*li ma tħobbx*
*tagħmel*
*ħafna storbju?*

# Triq oħra

Forsi iktar minn żminijiet oħra, Mulej,
illum qegħdin fi żmien
li fih irridu nagħmlu spettaklu minn kollox,
saħansitra mill-ħwejjeġ tiegħek.
U din tant tidħol ġo fina
li kull ħaġa li ma tagħmilx ħoss
inqisuha bħala li mhijiex tajba,
li hija monotona,
u li allura mhux ta' min jagħti kasha wisq.
Imma s-Saltna ta' Alla li Inti tiżra' fina
dejjem tfittex triq oħra:
dik li tagħti gost
imma lill-qalb tagħna;
dik li toħloq festa
imma fil-qalb tagħna.
Ħa nħaddnu din it-triq, Mulej.

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Fil-Jum li fih jidher Bin il-bniedem, min ikun fuq il-bejt u jkollu ħwejġu ġewwa fid-dar, iqis li ma jinżilx jeħodhom; hekk ukoll min ikun fir-raba', iqis li ma jerġax lura. Ftakru fil-mara ta' Lot! Min ifittex isalva ħajtu, jitlifha; iżda min jitlifha, isalvaha. Ngħidilkom li, f'dak il-lejl, tnejn ikunu f'sodda waħda: wieħed minnhom jittieħed u l-ieħor jitħalla; żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien; waħda minnhom tittieħed u l-oħra titħalla." Qalulu: "Fejn, Mulej?" U hu weġibhom: "Fejn ikun hemm il-ġisem mejjet, hemm l-isqra jinġabru."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 17, versi 31-37***

## 349

"Fil-Vanġelu naqraw li minn tnejn li jkunu flimkien, wieħed jittieħed u l-ieħor jibqa'. Minkejja dan, aħna nibqgħu ngħixu qisu l-aħħar jum ta' ħajjitna mhux se jasal. Hu għalhekk li l-Knisja f'dawn il-jiem tħeġġiġna nieqfu ftit u nirriflettu fuq dan: għad jasal jum li fih inti tittieħed u min hu madwarek jibqa' ... Jekk aħna ngħixu bil-ħsieb li kull jum jista' jkun l-aħħar wieħed, l-attitudni tagħna lejn ix-xogħol, lejn il-familja, lejn il-proxxmu, tinbidel."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 17 Novembru 2017

# Biex tibqa' ħaj

*X'viżjoni għandi tal-ħajja fuq l-art?*

*Naħseb fuq il-mewt?*

Il-ħsieb tal-mewt, Mulej,
huwa ħsieb li jagħmlilna ġid kbir:
huwa ħsieb li jilqgħalna
milli l-ħarsa tagħna nżommuha biss lejn l-art;
huwa ħsieb li jilqgħalna milli nitħabtu żżejjed
qisna se nibqgħu hawn għal dejjem;
huwa ħsieb li jilqgħalna
milli nħarsu lejn l-affarijiet li għandna
bħallikieku qegħdin għandna għal dejjem;
huwa ħsieb li jilqgħalna milli nħallu għal għada
t-tajjeb li nistgħu nagħmlu llum.
Agħmel li l-ħsieb tal-mewt
iżommna ħajjin,
iżommna mqajmin,
jagħmel minna persuni
li f'din id-dinja diġà qegħdin jgħixu l-Qawmien.

## Is-Sibt, 16 ta' Novembru 2019

Il-Mulej qal:
"Alla,
lill-magħżulin tiegħu
li jgħajtulu
lejl u nhar,
sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq?
Se joqgħod itawwal
magħhom?
Jiena ngħidilkom
li malajr
jagħmlilhom ħaqq.
Imma
taħsbu intom
li Bin il-bniedem
se jsib il-fidi
fuq l-art
meta jiġi?"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 18, versi 7-8***

# 350

"Nistgħu nibqgħu ċerti li Alla
se jwieġeb għal talbna. L-unika
inċertezza hi dwar iż-żmien meta.
Forsi se jkollna nibqgħu ninsistu
ħajjitna kollha, imma hu se jwieġeb.
Żgurana li hu mhuwiex bħal dak
il-missier li jagħti serp flok ħuta.
Ix-xewqa għall-ferħ li lkoll inġorru
f'qalbna jum wieħed għad isseħħ.
Jgħidilna Ġesù: 'Alla, lill-magħżulin
tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar,
sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq?'
Iva, jagħmlilna ħaqq, jismagħna ...
jew jibdel l-affarijiet
jew jibdel il-qalb tagħna."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali*, 9 Jannar 2019

*Konvint li Alla*
*qatt ma jsodd*
*widnejH*
*għal talbi?*

*Għandi sabar*
*nistennieH*
*isib*
*il-waqt it-tajjeb?*

# Tweġiba żgura

Iżjed minn qatt qabel, Mulej,
aħna l-bnedmin sirna rridu kollox fil-pront,
u diskors dwar li nkunu nafu nistennew
ma jinżlilniex tajjeb.
Lanqas ma jinżlilna tajjeb
dak li narawh bħala tnikkir min-naħa tiegħek
biex tismagħna.
Imma kif tista' Inti
li tħobbna tassew b'imħabba kbira
qatt tasal biex tkun indifferenti
lejn xi ħadd minna u lejn l-uġigħ tagħna?
Għallimna nistennew
bis-sabar
u bil-fiduċja
li Inti dejjem issib il-waqt it-tajjeb
biex dak li hu ta' ġid għalina tagħmlu jseħħ.